**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU SEBGĦA U TLETIN 21ta' MARZU, 2018**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjur Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku Rita Grima u l-Kunsilliera Dr Jean Pierre Attard, Dr Tiffany Ann Farrugia, is-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur David Abdilla u s-Sur Dino Bonnici.

**Ambaxxatur taż-Żgħażagħ**

Is-Sur Kaydem Schembri kien preżenti għas-seduta.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **37.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 37.1.1 | | Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija x'jinqraw. |
| | | |
| **37.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 37.2.1 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li tkellem mas-Sindku ta'Ħal Safi fuq punt 36.5.2 u wara diskussjoni miegħu, kien hemm suġġeriment li l-bankina fi Triq Ħal Far issir mill-Kunsill Lokali taż-Żurrieq u l-ħaxix u manutenzjoni tal-parti tal-Ħlantun tibqa ssir mill-Kunsill Lokali Safi. |
| | | |
| 37.2.2 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa fuq punt 36.10.8. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li bagħtet diversi reminders lill-perit, imma s'issa għadha mingħajr informazzjoni. |
| | | |
| | | |
| 37.2.3 | | Ġew approvati l-minuti tal-ħamsa u tletin –il seduta. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| ***37.3*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA / KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ*** |
| | | |
| | | |
| 37.3.1 | | Ġew approvati l-minuti tas-seduta numru 45 tal-Kumitat Amministrattiv. |
| | | |
| ***37.4*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI*** |
| | | |
| 37.4.1 | | Ma kienx hemm minuti x'jiġu approvati. |
| | | |
| | | |
| ***37.5*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 37.5.1 | | Is-Sindku qal li l-attivita' tal-anzjani f'Għawdex kienet suċċess u s-Sindku ta' Kerċem laqa' lir-residenti żrieraq tajjeb ħafna. Hu qal li l-attivita' li jmiss ser tkun fit-22 ta' April, fil-Mellieħa, fejn ser iżuru ħanut tal-pjanti, quddiesa u ikla. |
| | | |
| 37.5.2 | | Is-Sindku informa li hu u l-Kunsillier Joseph D'Amato kellhom laqgħa mal-MELP u Transport Malta, fejn ġie diskuss u muri l-pjanti ta' kif ser issir ir-roundabout ta' Triq il-Belt Valletta. Dok 1. Mehmuż. Is-Sindku rringrazzja ukoll lill-Kunsillier Joseph D'Amato għax ħadem ħafna fuqha u tal-ħsieb li kellu, għax dan ser jidgawda miż-Żrieraq għal tul ta' żmien.<br>Ġew infurmati ukoll li Vjal ix-Xarolla ser issir il-parti bit-tarmak din il-ġimgħa u tkun tista tingħalaq il-parti l-antika ta' mar-residenti.<br>Vjal ix-Xarolla kollha tkun lesta sa nofs Lulju 2018. |
| | | |
| 37.5.3 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li daħal suġġeriment fuq face book biex il-lampi ta' Triq San Mikiel jinbidlu f'lampi ornamentali.<br>Kien hemm qbil li tinġabar stima mingħand il-kuntrattur li għandu t-tender magħna. |
| | | |
| 37.5.4 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-istimi li irċeviet fuq is-CCTV viċin l-out door gym, biex jekk ikun hemm xi vandaliżmu jinqabad.<br>Ġew tliet kumpaniji jaraw il-post li huma Firetech, Alberta u Falcar, imma ikkwotaw tnejn biss:<br>Firetech – 1,723.26 Euro<br>Alberta – 1,244.31 Euro<br>ICT services – 715.35 Euro<br>Kien hemm qbil li l-Kunsill jaħdem bl-orħos offerent. |
| | | |
| 37.5.5 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill irċieva petizzjoni ffirmata minn 4 persuni li joqgħodu fi Sqaq numru 1 Triq il-Kbira, li qed jitolbu li ssir bollard f'tarf l-isqaq u dawn ir-residenti jkollhom ċavetta kull wieħed tagħha. Dok 2 mehmuż. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Is-Sindku qal li fl-istess sqaq hemm 3 persuni oħra li għandhom propjeta' f'dan l-isqaq.<br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li fl-isqaq hemm tabella ta' No parking fl-isqaq u xorta jipparkjaw. Hu qal li ma tagħmilx sens li l-Kunsill irid jistenna lill-tliet persuni li għandhom propjeta f'dan l-isqaq u li ma jgħixux hemm, għax dawk li ma jgħixux hemm ma jinteressaħħomx mill-isqaq.<br>Il-Kunsillier David Abdilla qal li aħjar nikkonsultaw mal-Assistent Kummissarju u jintbagħtu l-pulizija.<br><br>Is-Sindku qal li hemm ħafna xkejjer ta' terrapien fi Triq il-Warda qed jostakolaw bankina u triq, għalkemm saru rapporti l-għassa, dawn baqgħu hemm. Kien hemm qbil li l-Kunsill jikteb lill-Assistent Kummissarju fuq dan il-każ. |
| | | |
| 37.5.6 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ilment li deher fuq face book page u li minn informazzjoni li ġabret, jidher li din il-persuna (li għalkemm fuq face book ma irreferitx għall-ilment) tidher li tkellmet ma xi ħadd mill-Kunsill biex jitneħħew rampi ta' garaxxijiet u taraġ fuq il-bankini, li jinsabu fil-housing estate tan-Nigret u li jinsabu 'l fuq wisq mill-livell tal-bankina, tant li l-bankina kollha mhix aċċessibbli. Ritratti tat-toroq Dun Gużepp Farrugia u Luret Zammit jinsabu mehmuża. Dok 3.<br>Kien hemm qbil li tintbagħt ittra lir-residenti kollha tal-akwata u nagħtu żmien ħmistax mid-data tal-ittra u jekk ma jitneħħewx jittieħdu passi ulterjuri. |
| | | |
| 37.5.7 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet email li l-Kunsill irċieva mingħand iż-żewġ soċjetajiet tal-banda fiż-Żurrieq fejn talbu:<br>• Biex il-Kunsill jagħmel manutenzjoni tal-ħofor tal-arbli tal-festi fi Triq Dun Ġużepp Zammit<br><br>Kien hemm qbil li ġaladarba l-ħofor tal-festi jintużaw miż-żewġ soċjetajiet għandu jkun hemm ftehim bejniethom fuq il-manutenzjoni tagħhom ukoll.<br>• Biex il-ħlas tal-armar tal-Milied jiżdied hekk kif ġej:<br><br>10 disinji fiż-żona ta' Bubaqra minn 400Euro għal 1,062Euro Vat inkluża<br>12 –il disin fi Triq P P Saydon minn 931.75Euro għal 1,298Euro Vat Inkluża.<br>Kien hemm qbil li l-Kunsill jaqbel mal-prezz u jintrabtu bil-prezz għall-ħames snin li ġejjin. |
| | | |
| 37.5.8 | | Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lill-Kunsilliera jekk iridux li jiġu ordnati aktar business cards.<br>Kienu dawn il-Kunsilliera li riedu aktar business cards: Is-Sindku, l-Kunsilliera Joseph D'Amato u Kenneth Farrugia.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato semma li hemm bżonn li jerġgħu jiġu ordnati leaflets ta' informazzjoni fuq iż-Żurrieq għax kważi spiċċaw. Kien hemm qbil li jiġu ordnati elfejn leaflet. |
| | | |
| 37.5.9 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet stimi biex jiġi restawrat il-monument tal-Profs. Saydon u l-pedestal tiegħu: |

| | | |
|---|---|---|
| | | Camray Co Ltd – total tal-pedestal u l-monument – 2,000Euro eskluż il-vat.<br>Joe Curmi – 2,700Euro eskluż il-vat<br>Mark Calleja – 3,068Euro inkluż il-vat.<br><br>Kien hemm qbil li x-xogħol jiedu il-Camray Ltd bħala l-orħos offerent. |
| | | |
| 37.5.10 | | Is-Sindku qal li l-Valletta 2018 ser jorganizzaw Solar Cinema event għat-tfal, f'Misraħ Repubblika fiż-Żurrieq fit-8 ta' Mejju li ġej. Ix-xow ser jibda fit-20:30. Għal din l-okkażjoni ser jitqassmu flyers fl-iskola. |
| | | |
| 37.5.11 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li llum għalqet it-tender tar-Road markings and signs. |
| | | |
| 37.5.12 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill irid japprova l-persuni li ser jaġġudikaw it-tenders tar-Road Markings and signs li għalaq illum u t-tender li ser tagħlaq fis-6 ta'April - Pavings.<br><br>Il-Kunsilliera nfurmaw lis-Segretarju Eżekuttiv li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ħarġet direttiva biex fil-bord ikun hemm mill-inqas żewġ kunsilliera u għalhekk mhux ser jaqblu li jinħatar kumitat qabel toħroġ direttiva oħra. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser titlob direttiva mid-Direttur tal-Kunsilli Lokali fuq dan. |
| | | |
| 37.5.13 | | Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet kors ta' sagħtejn li jagħllem biex juża l-magna defibrilator. Dan il-kors lesti li jagħtux bla ħlas fiż-Żurrieq ukoll.<br>Kien hemm qbil li jsir fis-sala tal-Kunsill ġol-iskola. |
| | | |
| 37.5.14 | | Is-Sindku qal li t-tfal tat-tobba Sciberras irregalw żewġ linef lill-Kunsill għas-sala tas-seduta. Kien hemm qbil li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament.<br>Kien hemm qbil ukoll li tinxtara linfa pariġġ biex fis-sala jkun hemm tlieta. |
| | | |
| ***37.6*** | | ***Recycling ta' ħwejjeġ u żraben (ser ikunu preżenti rappreżentanti ta' kumpanija privata)*** |
| | | |
| 37.6.1 | | Is-Sindku stieden lill-rappreżentanza minn Refab Lightblue Partnership. Dawn infurmaw li għandhom 117 il-kontenitur u l-ħwejjeġ li jkun hemm jintbagħtu lill-postijiet tat-tielet dinja biex jintlibsu. Il-Kontenituri huma żgħar u lesti li jitpoġġew minn nhar it-Tnejn. Fuqhom hemm in-numri tat-telephone u informazzjoni kollha, ta' x'għandu jintrema fihom. Kull 48 siegħa dawn jiġu mbattla.<br><br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia ppropona dawn is-siti għall-kontenituri:<br>• fejn is-Super Market fin-Nigret<br>• fejn l-iskola |

| | | |
|---|---|---|
| | | • viċin iċ-ċimiterju<br>• fejn il-mitħna tax-Xarolla<br><br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| ***37.7*** | | ***Sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill (Ser tkun preżenti l-Accountant sabiex tfiehem is-sitwazzjoni finanzjarja)*** |
| | | |
| 37.7.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv introduċiet lill-Accountant tal-Kunsill u din spjegat is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill preżenti u l-ispejjeż u d-dħul tas-sena finanzjarja għas-sena 2017. |
| | | |
| | | |
| ***37.8*** | | ***Ilment fi Triq l-Għarajjex (ser ikun preżenti resident minn Triq l-Għarajjex)*** |
| | | |
| 37.8.1 | | Ir-resident li kellu jiġi għas-seduta nforma li mhux ġej. |
| | | |
| | | |
| ***37.9*** | | ***Jum iż-Żurrieq u Festa Ħut 2018*** |
| | | |
| 37.9.1 | | Il-Kunsillier Pierre Farrugia qal li Jum iż-Żurrieq ser isir bħas-soltu fl-1 ta' Ġunju. Ser tinżamm l-attivita' ta' ogħti ta' premju Ġieħ iż-Żurrieq, lill-persuni li ddistingwew ruħhom fir-raħal. Hu ssuġġerixxa li jinħatar kumitat biex jgħażel lill-persuni li ġew innominati. Il-persuni huma dawn: It-tabib Raymond Sacco, l-Ex Kunsillier Claudio Zammit, Kavallier Joe D'Amato, Enginier John Tonna u s-Sur Kostantino Attard.<br><br>Is-Serata ser tkun fid-Day Centre taħt il-patroċinju tal-ispeaker Dr Anġlu Farrugia.<br>Kien hemm qbil li jiġu ordanti l-fjuri, trophies, fotografu, banners, inviti, ordni ta' 250 siġġu, bibita u ikel.<br>Il-ħaddiema assenjati mal-Kunsill għandhom jiġu avżati bid-data ħalli jkunu preżenti għat-tul tal-attivita' kollha. |
| | | |
| | | |
| 37.9.2 | | Fuq Festa Ħut minħabba li l-Kunsill ma ħax fondi, is-Sindku tkellem mas-Sinjura Angele Abela mill-Ministeru tal-Onor. Owen Bonnici, li għinet ħafna fl-organizzazzjoni ta' Festa Ħut.<br>Is-Sindku qal li Radio Calypso hu l-orħos stazzjon tar-radju u hu stazzjon indipendenti u għalhekk jista jsir reklam fuqu.<br>Il-Kunsillier Pierre Farrugia spjega kif ser imexxi l-attivita' mit-8:00 sas-13:00.<br>Il-Kunsillier Pierre Farrugia qal li għall-armar tal-arbli ser jitkellem mal-għaqdiet tar-raħal biex jagħtuhom bla ħlas.<br>Kien hemm qbil fuq dan kollu. |
| | | |
| ***37.10*** | | ***Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri*** |
| | | |
| 37.10.1 | | Il-Kunsillier David Abdilla qal li għandu żewġ ilmenti fuq marki tat-toroq: |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Biex isiru linji sofor faċċata tal-ħanut ex Ventura, għax il-vetturi ma jkunux jistgħu joħorġuhom mill-garaxxijiet jekk ikun hemm parkeġġ faċċata. Kien hemm qbil li l-Kunsillier David Abdilla ser imur fuq il-post u jagħti l-opinjoni x'għadu jsir.<br><br>• Biex isiru double yellow lines faċċata tal-ħanut Convenience fi Triq l-Imqabba, għaliex vetturi pparkjati qed jostakolaw it-triq u jkunu ta' periklu għal min ikun miexi. Ma kienx hemm qbil fuq dan imma kien hemm qbil li jsiru tabelli, imma kien hemm qbil li jsiru tabelli għall-attenzjoni tat-tfal li jkunu qed jaqsmu t-triq. |
| | | |
| 37.10.2 | | Il-Kunsillier David Abdilla qal li kitiblu rappreżentant mill-Kunsill ta' Angermunde fejn xtaq li jkunu mistiedna biex tiġi delegazzjoni f'Malta f'għeluq l-10 snin mill-ġemelaġġ bejn iż-żewġ lokalitajiet. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 37.10.3 | | Il-Kunsillier David Abdilla qal li l-Kunsill kien approva hu jitla jirrappreżenta lill-Kunsill fil-laqgħa tal-paċi u minħabba l-ammont ta' tilqiem li jrid jieħu, iddeċieda li ma jmurx.<br><br>Il-Kunsillier David Abdilla qal li Morphou stiednu rappreżentanza mill-Kunsill biex titla Ċipru, u hu lest li jitla għall-istedina. Kien hemm qbil fuq dan.<br><br>Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jistieden lis-Sindku ta' Morphou Victor Hadjiavraam u lis-Sinjura tiegħu biex jattendu għall-okkażjoni ta' Jum iż-Żurrieq. Il-Kunsillier Kenneth Farrugia offra l-għajnuna tiegħu. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 37.10.4 | | Il-Kunsillier Jospeh D'Amato qal li min qed jorganizza l-attivita' tal-orkestra tal-accordion, ser jorganizza attivita' oħra fil-Corinthia Palace, u stieden li min irid jista jattendi bla ħlas.<br>Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jagħti tifkira lil parteċipanti tal-Orkestra. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 37.10.5 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-ewwel fażi tal-Mitħna tax-Xarolla tlesta u hawn irringrazzja lill-Ministru Owen Bonnici tal-għajnuna li ta. Hu qal li l-permess ħiereġ għal-April li ġej u għalhekk wasal iż-żmien biex tinħareġ stima għall-audio visual for design and project management li jikkonsisti fl-iscript, logo, design u general project management services. |
| | | |
| 37.10.6 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-Kunsill applika għal fondi mill-Unjoni Ewropeja biex jagħti tarmak lill-trejqiet fil-kampanja. Il-Kunsill applika għal 4 toroq u l-ERA oġġezzjonat fuq tnejn minnhom – Sqaq ta' B'xejn li parti minnhu diġa ingħata bit-tarmak mill-Gvern, u trejqa oħra li tibda minn Triq il-Barrieri li mhix mittifsa bit-tarmak jew konkos.<br>Il-fondi ingħataw fuq l-erba' toroq.<br><br>Kien hemm qbil li jsiru tliet toroq u dak li jmiss ma' Triq il-Barrieri ma jsirx minħabba li mhux mittifes. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| 37.10.7 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li biex jintrema r-rope light madwar il-palm ser jiswa 2,300Euro. Kien hemm qbil li jiġi ordnat ix-xogħol. L-istima inġiebet mingħand l-aħwa Tedesco li ilhom jarmaw id-dwal tal-Milied fiż-Żurrieq għal aktar minn 10 snin. |
| | | |
| ***37.11*** | | ***Approvazzjoni: Xogħlijiet u Servizzi*** |
| | | |
| 37.11.1 | | Dan l-item ġie mitkellem f'punti oħra preċedenti. |
| | | |
| | | |
| ***37.12*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 37.13.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 4** għall-ammont totali ta' **€48,123.43**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u l-Viċi Sindku Rita Grima u l-kunsillier David Abdilla. |
| | | |
| ***37.13*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 37.13.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-21:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 18ta' April, 2018 fis-6.15 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum __18____ ta' APRIL, 2018.

IFFIRMAT

Ignatius Farrugia
**Sindku**

IFFIRMAT

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**